MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 185/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Alexia-Margo Calleja**
**Baldassare Perlotti**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Alexia Margo Calleja detentrici tal-karta tal-identita` numru 18378(M); u Baldassare Perlotti detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AS1368588.

Akkuzati talli f`diversi bnadi f`dawn il-Gzejjer bejn is- 07 ta` Novembru 2011 u t- 18 ta` Frar 2012, b`diversi atti

maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Talli mill- knisja ta` Fatima li tinsab fi Triq Santa Monika, Pieta`, nhar is- 06 ta` Novembru 2011 bejn 06:30p.m ikkommettew serq ta` handbag li kien fih mobile phone tal-marka Sony Ericsson, wallet tal- marka Fergie li jiswa Euro 20 u portmoni li jiswa Euro 40 liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad-dannu ta` Claire Bartolo. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

2. Aktar talli nhar it-m 08 ta` Novembru 2011 ghal habta ta` 08:30a.m mill- Knisja tan- Nazzarenu li tinsab fix- Xatt ta` Tigne, Sliema, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih Euro 40 liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Gemma Calleja. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

3. Aktar talli fil- 04 ta` Dicembru 2011 ghal habta ta` 11:35a.m minn gewwa l-Knisja ta` San Guzepp li tinsab fix- Xatt ta` Xbiex, Ta` Xbiex, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih portmoni li kien fih Euro 28, digital kamera li tiswa Euro 200, mobile phone tal-marka Sony Ericcsson li jiswa Euro 90 u xi dokumenti ohra liema serq huwa ikwalifikat bil-‘valur’ (aktar minn mitejn u tlieta u tlettin euro (Euro 233) pero` anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu Euro 2,329,37, bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Rose Marie Vicky Camilleri. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

4. Aktar talli fil- 31 ta` Dicembru 2011 ghal habta ta` 08:00p.m mill- Knisja ta` Burmarrad li tinsab Burmarrad, San Pawl il-Bahar ikkommettew serq ta` handbag li kien fih mobile phone tal-marka Nokia li jiswa madwar Euro 150, xi bicciet tad- deheb li jiswew Euro 70, Euro 40 fi flus kontanti liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad- dannu ta` Alison Vella. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

5. Aktar talli fl- 14 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 08:30a.m mill- Knisja tal-Gzira li tinsab fi Triq Manoel De Vilhena, Gzira ikkommettew serq ta` Euro 65 fi flus

kontanti liema serq huwa ikwalifikat bil- 'lok' ghad- dannu ta` Carmen Dimech. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

6. Aktar tallli fl- 14 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 08:00p.m mill-Knisja tal-Mellieha, Triq il-Kappilan Magri, Mellieha, ikkommettew serq ta` Euro 20 fi flus kontanti, 'wallet' li jiswa Euro 7, liema serq huwa ikwalifikat bil 'lok' ghad dannu ta` Lucy Gauci. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

7. Aktar talli fil- 15 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 07:10p.m minn gewwa l-Knisja tan-Naxxar li tinsab fi Triq il- Parocca, Naxxar, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, set cwievet u umbrella liema serq huwa ikwalifikat bil- 'lok' ghad dannu ta` Rose Marie Vicky Camilleri. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

8. Aktar talli fil- 15 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 07:40p.m minn gewwa l- Parrocca ta` San Filep li tinsab fi Triq Sciortino, Zebbug ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 120 fi flus kontanti u credit cards liema serq huwa ikwalifikat bil- 'lok' ghad dannu ta` Mary Anne Zammit. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

9. Aktar talli fil- 17 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 08:45a.m minn gewwa l-Knisja ta` San Frangisk li tinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 60 fi flus kontanti u HSBC Mastercard liema serq huwa ikwalifikat bil- 'lok' ghad dannu ta` Rose Spiteri. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

10. Aktar talli fil- 18 ta` Jannar 2012 ghal habta ta` 06:45p.m minn gewwa l-Knisja ta` Hal Balzan, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 220 fi flus kontanti u BOV Cashlink liema serq huwa ikwalifikat bil- 'lok' ghad dannu ta` Maria Concetta Zerafa. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

11. Aktar talli fil- 01 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 06:30p.m minn gewwa l-Knisja tas- Salvatur li tinsab f`Misrah tat- Trasfigurazzjoni, Lija, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih xi dokumenti personali liema serq

huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Mary-Michelina Formosa. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

12. Aktar talli fil- 02 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 12:00p.m minn gewwa l-Knisja ta` San Gejtanu li tinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 80 fi flus kontanti liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Domenica Bezzina. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

13. Aktar talli fil- 03 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 05:00p.m minn gewwa l-Knisja tan-Naxxar li tinsab fi Triq il- Pjazza Vittorja, Naxxar, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 10 fi flus kontanti, Credit Cards, master key ta` l isptar Mater Dei u xi dokumenti ohra liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Natalina Pace. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

14. Aktar talli fit- 03 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 06:00p.m minn gewwa l-Knisja ta` Santa Marija, Birkirkara, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet li jiswa Euro 3.50, Euro 45 fi flus kontanti u xi dokumenti personali liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Maria Lourdes Zerafa. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

15. Aktar talli fil- 04 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 07:30a.m minn gewwa l-knisja tal- Gzira li tinsab fi Triq Manoel De Vilhena, Gzira ikkommettew serq ta` handbag li kien fih wallet, Euro 120 fi flus kontanti, credit cards u dokumenti personali iema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Caterina Camilleri. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

16. Aktar talli fl istess data, mill -ATM HSBC, Msida sraqtu l ammont totali ta` Euro 300 fi flus kontanti liema serq huwa ikwalifikat bl- ‘valur’ (aktar minn mitejn u tlieta u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu ta` euro (Euro233. 94) pero` anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu Euro 2,329,37) u bil- ‘mezz’ ghad dannu ta` Caterina Camilleri u Bank HSBC respitivament. Art. 261 (c), (b), Art. 267, 263 (a) 264(1), 265 Kap 9.

17. Aktar talli fil- 06 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 06:15p.m minn gewwa l-Knisja tal- Gharghur, li tinsab f`Misrah il-Knisja, Gharghur, ikkommettew serq ta` handbag li jiswa Euro 3000, li kien fih wallet li jiswa Euro 50, Euro 2000 fi flus kontanti, credit cards, BOV Cheque Book, Cheque ta` Euro 50 f`isem Elfrida Borg u xi dokumenti ohra liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘ valur’ (aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu Euro 2, 329.37 ) u bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Joan Basile. Art. 261 (c), (b), Art. 267 Kap 9.

18. Aktar talli fil- 12 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 12:15p.m minn gewwa l-Knisja ta` San Gwann li tinsab fi Triq in-Naxxar, San Gwann, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih Euro 300 fi flus kontanti, 2 HSBC credit Cards u dokumenti personali liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Franca-Maria Caruana. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

19. Aktar talli fil- 15 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 09:00a.m minn gewwa l-Knisja ta` Attard, ikkommettew serq ta` wallet li kien fih Euro 70, BOV cashlink card, document personali u mobile phone tal-marka Nokia liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Emanuel Magri. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

20. Aktar talli fil- 15 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 09:15a.m minn gewwa l-Knisja ta` Attard li tinsab fi Triq kil-Kbira, Attard, ikkommettew serq ta` handbag li jiswa Euro 15, portmoni li jiswa Euro 14 u li Euro 100 fi flus kontanti, liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Angela Xiberras. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

21. Aktar talli fil- 17 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 08:45a.m minn gewwa l-Knisja ta` San Giljan, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih portmoni u Euro 10 fi flus kontanti liema serq huwa ikwalifikat bil- ‘lok’ ghad dannu ta` Mary Grech. Art 261 (e), Art 269 (a) Kap 9.

22. Aktar talli fit- 18 ta` Frar 2012 ghal habta ta` 09:25a.m minn gewwa l-Knisja ta` San Gwann, li tinsab fi Triq in-Naxxar, San Gwann, ikkommettew serq ta` handbag li kien fih mobile phone, Euro 80 fi flus kontanti, nuccali tal- vista li jiswa Euro 250, Credit cards u dokumenti personali liema serq huwa ikwalifikat bil 'valur' (aktar minn mitejn u tlieta u tlettin euro (Euro 233) pero` anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu Euro 2,329,37) u bil- 'lok' ghad dannu ta` Joanna Anfuso. Art. 261 (c), (e), 267, 279 (a), 280 (1), 269 (a) Kap 9.

23. Aktar talli f`Malta xjentament laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahlu biex ibieghawhom jew imexxuhom. Art 334 Kap 9.

Lil Alexia Margo Calleja wahedha:

24. Ttalli f`dawn id-dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi saqet vettura b`numru ta` registrazzjoni LAF 307 ta` l ghamla Vauxhall minghajr ma l vettura kellha licenzja biex tintuza fit-triq. Kap 65 art 15 (1) (a) (2); u

25. Aktar talli fl istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi saqet vettura b`numru ta` registrazzjoni LAF 307 ta` l ghamla Vauxhall minghajr ma kienet koperta b` polza ta` assikurazzjoni ghal terzi persuni. Kap 104 art 3 (1).

Akkuzati t-tnejn flimkien talli rrendew ruhom recedivi b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu. Art 49, 50 289 Kap 9; u

Talli kissru ordni ta` Probation moghtija mill- Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D datata 02 ta` Settembru 2011.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huwa wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali a fol 339 tal-process fejn talab li tinstab htija taht l-Artikoli 17,31,533,18,261(c),

261(e) 267, 269(a), 279, 280, 281, 334, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwardja iz-zewg imputati Alexia Margo Calleja u Baldassarre Perlotti; u

Artikoli 15(1) (a) tal-Kap 65 u Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwardja Alexia Margo Calleja biss.

Rat li l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex din il-Qorti tkompli tisma' l-kawza bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha kif ukoll semghet ix-xhieda migjuba.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta' numru ta' serqiet li kienu saru fi knejjes madwar Malta ta' diversi basktijiet ta' individwi li kienu qeghdin jisimghu quddiesiet f'dak il-mument.

Ill effettivament l-imputati gew akkuzati talli serqu minn hamsa u ghoxrin knisja madwar Malta. Din il-Qorti ezaminat sija l-istqarrija tal-imputat kif ukoll ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ghal dawn is-serqiet u nnutat li dawn ix-xhieda mhux dejjem irnexxielhom jaraw xi haga suspettuza je anke min serqilhom il-basket. Ghalhekk din il-Qorti ser tanalizza serqa serqa u tara xi prova kien hemm ghal din u tqabbilha ma' dak li qalu l-imputati fl-istqarrija taghhhom.

**1. <u>Serqa knisja ta' Fatima, Pieta' nhar is-6 ta' Novembru 2011 ghall-habta tas-6.30p.m.</u>**

L-imputata fl-istqarrija taghha ammettiet din is-serqa izda ma tatx data. Hija qalet li kienet mal-ko-akkuzat l-iehor u li minn hemm hadu portmoni li ma kienx fih flus.

Xehdet Claire Bartolo li nsterqilha handbag izda ma setghet tidentifika lill hadd.

**2. <u>Serqa knisja Nazzarenu, Sliema ghall-habta tat-8.30 a.m. fit-8 ta' Novembru 2011</u>**

Minn din il-knisja l-imputata fl-istqarrija ukoll qalet li hadet xi flus minn knisja fis-Sliema, izda ma tiftakarx la d-data u l-anqas kemm kien l-ammont.

Xehdet Gemma Calleja li nsterqilha handbag li fih kellha hamsa u tletin ewro kontanti izda ma setghet taghraf lil hadd.

**3. <u>Serqa knisja San Guzepp, Ta' Xbiex fl-4 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tal-11.35 a.m.</u>**

Xehdet Oriana Farrugia li qalet illi nsterqilha handbag li fih kien hemm tmienja u ghoxrin ewro kontanti, credit cards, camera, mobile phone, pen drive u xi cwievet u li ma sabitux hemm ezatt wara li giet mit-tqarbin. Hija ma setghet tidentifika l-hadd pero` xi hadd mill-knisja kien qalilha li rat mara hierga b'zewg handbags.

**4. <u>Serqa knisja Burmarrad fil-31 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tat-8.00 a.m.</u>**

Xehdet Alison Vella li nsterqilha handbag b'xi deheb meta marret ghat-tqarbin izda hija ma setghet tidentifika lill hadd.

**5. <u>Serqa knisja tal-Gzira fl-14 ta' Jannar 2012 ghall-habta tat-8.30 a.m.</u>**

Xehdet Margaret Borg li nsterqilha portmoni bi flus kontanti li ma sabitux hemm meta giet mit-tqarbin. Hi xehdet li dakinhar il-knisja kienet mimlija u kellha toqghod fuq wara tal-knisja. Hi ma setghet tidentifika lill hadd mill-imputati.

**6. <u>Serqa knisja parrokkjali tal-Mellieha fl-14 ta' Jannar 2012 ghall-habta tat-8.00 a.m.</u>**

Xehdet Lucy Gauci li nsterqilha protmoni li kien fih xi tletin ewro kontanti u xi cards meta hi marret titqarben.Hi dakinhar rat li kien hemm mara mhux tas-soltu, li identifikat bhala l-imputata Alexia Callejja, li wkoll taghta l-paci izda ma setghetx tghid illi din haditiilha l-portmoni ghaliex hadd ma ra tiehdu.

**7. <u>Serqa knisja Naxxar fil-15 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.10 p.m.</u>**

L-imputata fl-istqarrija ammettiet li kienet hadet xi basket iswed minn din il-knisja izda li ma kienx fih flus.

Xehdet Rosemarie Camilleri li nsterqilha handbag meta hi marret titqarben izda ma setghet taghraf lil hadd. F'dan il-handbag ma kelliex flus kontanti.

**8. <u>Serqa parroccja ta' San Filep, Zebbug fil-15 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.40 p.m.</u>**

L-imputata Calejja stqarret illi hija serqet portmoni li kien fih mija u ghoxrin ewro minn din il-knisja izda ma ftakritx id-data. Pero` hija qalet illi din kienet ezatt minuti wara s-serqa fil-knisja ta Haz Zebbug peress li ma kienx hemm l-ebda flus mill-basket tan-Naxxar.

Xehdet Maryanne Zammit bhala l-vittma li rrakkontat li wara li giet mit-tqarbin ma sabitx il-handbag u meta stqasiet lil-koppja li kienu hdejha huma qalulha li raw mara mimlija tiehu l-handbag u li kellha xahra bil-pigtail u b'kowt iswed. Hi kellha xi mija u ghoxrin ewro flimkien ma' xi cards. Ix-xhud ma setghetx tidentifika lill hadd mill-imputati.

**9. <u>Serqa knisja ta' San Frangisk, Hamrun fis-17 ta' Jannar 2012 ghall-habta tat-8.45 a.m.</u>**

Xehdet Rose Spiteri li nsterqilha handbag u li fih kellha xi tmenin ewro. Hi ma rat lill hadd jehdilha l-handbag izda xi hadd li kien fil-knisja qalilha li raw mara tiehu l-basket u kellha 'hood' f'rasha.

**10. <u>Serqa knisja Hal Balzan fit-18 ta’ Jannar 2012 ghall-habta tas-6.45 p.m.</u>**

Xehdet Connie Zerafa illi nsterqilha portmoni mill-‘handbag’ taghha li fih kellha mitejn u ghoxrin ewro u xi dokumenti ohra. Hi identifikat lill-imputata Alexia Calleja li kienet bil-qieghda fuq l-istess bank fit-tarf l-iehor u hi attirat ghajnejha ghaliex kienet liebsa xi maktur iswed fuq rasha u hasbitha li kienet xi musulmana. Hi, ghalkemm ma ratiex tiehu l-portmoni taghha, xehdet illi wara li giet mit-tqarbin ma baqghetx hemm l-imputata.

**11. <u>Serqa knisja tas-Salvatur, Lija fl-1 ta’ Frar 2012 ghall-habta tas-6.30 p.m.</u>**

Xehdet Maria Michelina Formosa li xehdet li meta kienet gejja mit-tqarbin, rat mara tross handbag sew maghha u harget mill-quddies. Meta x-xhud harget biex tixtri wara l-quddies u ma sabitx il-portmoni, hi fil-pront ftakret f’dik il-mara li setghet serqitilha l-portmoni. Hi xehdet li lil din il-mara ratha ghax harset f’ghajnejha u fil-fatt gharfet lill-imputata bhala dik il-mara.

**12. <u>Serqa knisja San Gejtanu, Hamrun fit-2 ta’ Frar 2012 ghall-habta tal-12.00 p.m.</u>**

Xehdet Domenica Bellizzi li nsterqilha portmoni li kien fil-basket taghha u li gie nieqes meta hi marret titqarben. Fih kellha tmenin ewro u xi cards. Hi ma tissuspetta f’hadd u ma setghetx tidentifika lill hadd mill-imputati.

**13. <u>Serqa knisja Naxxar fit-3 ta’ Frar 2012 ghall-habta tal-5.00 p.m.</u>**

Xehdet Nathalie Pace li nsterqilha handbag bil-portmoni li kellu xi hames mitt ewro u xi cards meta telghet titqarben. Setghet tissuspetta f’’mara izda ma setghetx tidentifikaha.

**14. <u>Serqa Knisja ta’ Santa Marija, Birkirkara fit-3 ta’ Frar 2012 ghall-habta tas-6.00 p.m.</u>**

Xehdet Marie Lourdes Zerafa li nsterqilha portmoni li xehdet illi hija ghandha vizzju thalli l-handbag miftuh u meta giet mit-tqarbin, hi ma sabitx hemm il-portmoni. Hi ma setghet taghraf lill hadd.

**15. <u>Serqa knisja tal-Gzira fl-4 ta’ Frar 2012 ghall-habta tas-7.30 a.m.</u>**

L-imputata Alexia Calleja ammettiet din is-serqa izda li ghamlitha wehidha u mhux mal-imputat l-iehor.

Xehdet Caterina Camilleri li qalet li mill-knisja tal-Gzira f’din id-data nsterqilha l-portmoni li fih kellha mija u ghoxrin Ewro u xi credit cards. Din indunat bis-serqa wara li kienet harget mill-knisja u meta marret biex tixtri ma sabitux hemm. Ovvjament ma setghetx tidentifika lill hadd mill-imputati u ma kienet rat xejn suspettuz fil-knisja.

**16. <u>Serqa mill-ATM tal-HSBC, Msida fl-4 ta’ Frar 2012 ta’ ammont ta’ flus</u>**

L-imputata Alexia Calleja ammettiet din is-serqa fejn hija kienet wehidha.

Ix-xhud tas-serqa tal-Gzira kkonfermat li kienu nsterqulha xi flus u cioe` erba’ mija u ghoxrin Ewro minn diversi konti taghha mill-ATM tal-HSBC tal-Imsida kif gie ikkonfermat lilha mill-istess bank u dan wara li gie nsterqilha il-portmoni.

Illi mir-ritratti esebiti mill-filmat tal-ATM kontenuti fir-rapport tal-espert imqabbad mill-Qorti Dr. Stephen Farrugia Sacco (a fol 213) tidher cara l-imputata Alexia Margo Calleja quddiem il-camera ta’ din l-ATM fl-4 ta’ Frar 2012.

**17. <u>Serqa mill-Knisja parrokkjali tal-Gharghur fis-6 ta’ Frar 2012 ghall-habta tas-6.15 p.m.</u>**

L-imputata Callejja ammettiet din is-serqa mal-ko-akkuzat Perlotti fl-istqarrija taghha  pero` ma setghetx tforni id-

data. Hija qalet illi hemmhekk hadet handbag u li minnu hadu xi flus u li l-handbag armewh x'imkien.

Xehdet Joan Basile li nsterqilha l-basket u qalet li dan sabithu nieqes ezatt wara li giet mit-tqarbin. Hija kkonfermat li rat mara tigri lejn il-bieb ta' barra tal-genb u halliet il-bibien miftuhin. Fil-handbag kellha elfejn Ewro, cheque book u xi credit cards apparti l-fatt li l-basket kien tad-ditta u kien gholi hafna. Ix-xhud gharfet lill-imputata Alexia Calleja.

**18. <u>Serqa knisja ta' San Gwann, San Gwann fit-12 ta' Frar 2012 ghall-habta tal-12.15 p.m.</u>**

L-imputata Alexia Callejja ammettiet din is-serqa pero` li ghamlitha wehidha u mhux ma' Baldassare Perlotti.

**19. <u>Serqa mill-knisja ta' Attard fil-15 ta' Frar 2012 ghall-habta tad-9.00 a.m. a dannu ta' Emanuel Magrin</u>**

Xehed Emanuel Magrin li nsteraqlu 'pouch' li fih kellu mobile, cashlink, sebghin ewro kontanti u karta tal-identita`. Dan gie nieqes meta tela' jitqarben. Huwa ma seta' jidentifika l-hadd.

**20. <u>Serqa knisja Attard fil-15 ta' Frar 2012 ghall-habta tad-9.15 a.m. a dannu ta' Angela Xiberras</u>**

Ix-xhud Angela Sciberras xehdet illi nsterqilha il-handbag minn din il-knisja li fih kellha xi mija u ghoxrin Ewro meta hija telghet titqarben. Din rat mara suspettuza li ma telghetx titqarben u li din kienet warajha izda ma setghetx tidentifikaha ghaliex meta daret biex ittiha l-paci, hija nizlet wiccha l-isfel.

**21. <u>Serqa knisja ta' San Giljan fis-17 ta' Frar 2012 ghall-habta tat-8.45 a.m.</u>**

Xehdet Mary Grech illi nsterqilha l-handbag izda hi ma setghet taghraf lill hadd.

**22. <u>Serqa mill-knisja ta’ San Gwann fit-18 ta’ Frar 2012 ghall-habta tad-9.25 a.m.</u>**

Mill-istqarrija tal-imputata Alexia Calleja din ammettiet illi serqet handbag minn go din il-knisja fejn hija kienet ma Baldassare u fejn sussegwentement il-pulizija qabdithom.

L-imputat Perlotti, fuq din is-serqa ammetta li Alexia kienet dahlet fil-knisja u serqet handbag fejn hija harget tigri minn din il-knisja u x’hin dahlet fil-karrozza biex issuq, hargu zewg nisa minn gol-knisja jghajjtu. Ftit wara gew maqbuda mill-pulizija.

Mill-provi tal-prosekuzzjoni kien hemm ix-xhud Franca Caruana li lilha nsterqilha il-portmoni minn din il-knisja fejn irrakkontat illi mara ceditielha biex tmur titqarben u meta giet lura sabitha quddiem il-handbag taghha. Ftit wara harget u meta refghet dan il-handbag hassitu hafif. Hija xehdet illi kellha tliet mitt Ewro fil-portmoni kif ukoll xi credit cards. Mistoqsija jekk hi gharfitx lil dik il-mara hija qalet li qed taghraf lill-imputata Alexia Margo Calleja.

Xhud iehor kienet Joanna Anfuso li nsterqilha l-basket u li meta harget tigri rat il-karrozza bir-registrazzjoni LAF 307 u li lahqet tat daqqa fuqha. Ix-xhud gharfet lill-imputata Alexia Callejja izda ma setghetx tidentifika lill-imputat Baldassare Perlotti ghaliex hu kien fil-karrozza.

L-imputata Calleja, fl-istqarrija taghha iddeskriviet il-*modus operandi* taghhom fejn hija kienet tidhol fid-diversi knejjes, tisma’ il-quddiesa imbaghad f’certu hin tisraq xi basket u tohrog il-barra fejn ikun qed jistennieha Baldassare Perlotti gol-karrozza taghha tal-ghamla Vauxhall bajda LAF 307. L-imputat Perlotti kkonfermat dak li qalet l-imputata l-ohra u zied jghid ukoll illi Alexia kienet issuq lejn il-knisja u meta hi kienet tohrog mill-karrozza sabiex tidhol fil-knisja biex tisraq, huwa kien imur fuq in-naha tas-sewwieq sabiex meta hi tohrog huma jkunu pronto jiskappaw mill-post.

L-imputat Perlotti ammetta ghal zewg serqiet ohra mhux imnizzla fl-akkuzi li dawn saru allegatament mill-Msida fix-

xahar ta' Novembru u minn hemm hadu handbag b'ammont zghir ta' flus.

Xehed ukoll Brian Farrugia rapprezentant tat-Transport Malta (a fol 277) li xehed fuq il-vettura LAF 307 li kkonferma illi din il-vettura ilha rregistrata fuq isem l-imputata mill-2002 izda li din il-licenzja skadiet fil-31 ta' Dicembru 2011.

Minn dan kollu hareg illi hemm certi akkuzi li ammettew l-imputati ghalihom fl-istqarrija u hemm certi akkuzi ohrajn li ma ammettewx fl-istqarrija u ghalhekk il-kaz tal-prosekuzzjoni kellu jistrieh biss fuq il-vittmi. Illi l-Qorti thoss ili dawk l-akkuzi li gew ammessi mill-imputati fl-istqarrija ghandhom ikunu pprovati anke jekk fil-fatt il-vittmi ma identifikaw lil hadd ghaliex l-istqarrija minn dejjem kienet meqjusa bhala r-regina tal-prova tenut kont anke tal-fatt illi d-drittijiet kostituzzjonali tal-imputati gew kollha rispettati f'dak l-istadju meta ttiehdet l-istqarrija.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Illi ghalhekk isegwi illi **l-ewwel** akkuza giet ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati; **it-tieni** akkuza il-Qorti thoss li ma kienx hemm bizzejjed provi skont kif trid il-ligi ghaliex l-istqarrija tal-imputata kienet pjuttost vaga u l-vittma ma rat lill hadd; **it-tielet**, **ir-raba'**, **l-hames** u **s-sitt** akkuzi ma gewx ippruvati stante li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova oltre' d-dubju ragjonevoli; **is-seba'** u **t-tmien** akkuzi gew ippruvati fil-konfront tal-imputata Alexia Calleja biss; **id-disa'** akkuza ma gietx ippruvata; **l-ghaxar** akkuza giet ippruvata ghaliex anke jekk l-imputati ma ammettewx din is-serqa l-provi korroboranti kienu tant qawwija kontra l-imputata Alexia Calleja li jinkriminawha ghal din is-serqa; **il-hdax sal-erbatax-**il akkuzi ma gewx ippruvati stante li ma gewx ippruvati oltre' d-dubju ragjonevoli; **il-hmistax** u **s-sittax** l-akkuzi gew ammessa fl-istqarrija mill-imputata Alexia Margo Calleja biss u ghalhekk tinsab ippruvata biss kontriha; **is-sbatax** l-akkuza giet ammessa miz-zewg imputati fl-istqarrija u ghalhekk giet ippruvata fil-konfront taghhom u **it-tmintax** l-akkuza giet ippruvata biss fil-konfront ta' l-imputata Alexia Margo Calleja; **id-dsatax**, **l-**

**ghoxrin** u **l-wiehed u ghoxrin** akkuzi ma gewx ippruvata fuq nuqas ta' provi; **it-tnejn u ghoxrin** l-akkuza giet ampjament ippruvata kontra z-zewg imputati tant li l-imputati nqabdu fil-fatt; **it-tlieta u ghoxrin** l-akkuza ma gietx ippruvata ghaliex l-akkuza ta' ricettazzjoni hija alternattiva ghal dik ta' serq; **l-erbgha u ghoxrin u l-hamsa u ghoxrin l-akkuzi** gew ippruvati wkoll fil-konfront ta' Alexia Calleja. Illi ugwalment gew ippruvati l-addebiti tar-recidiva fil-konfront taz-zewg akkuzati u talli kisru l-ordnijiet ta' Probation Orders.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17,31,533,18,261(c), 261(e) 267, 269(a), 279, 280, 281, 334, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 15(1) (a) tal-Kap 65 u Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta; qed issib lill-imputata **Alexia Margo Calleja** hatja biss tal-ewwel (1), s-seba' (7), t-tmien (8), l-ghaxar (10), il-hmistax (15), is-sittax (16), is-sbatax (17), it-tmintax (18), it-tnejn u ghoxrin (22), l-erbgha u ghoxrin (24) u l-hamsa u ghoxrin (25) l-akkuzi filwaqt li tilliberaha mill-kumplament u tikkundannaha ghal perjodu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin. Il-Qorti tikkundanna wkoll lill-imputata ghal tnax-il (12) xahar sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan taghha dekorribbli minn meta tispicca s-sentenza moghtija llum jew perjodu iehor li l-imputata tigi rilaxxjata mill-habs minhabba xi provvediment tal-ligi li jkun jawtorizza r-rilaxx taghha qabel iz-zmien stipulat f'din is-sentenza.

Il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-ksur tal-Probation Order moghtija b'sentenza tal-Magistrati a fol. 139 tal-process, u dan a bazi ta' dikjarazzjoni tal-partijiet fil-verbal tat-22 ta' April, 2013.

Lil **Baldassarre Perlotti** ssibu hati biss tal-ewwel (1), l-ghaxar (10), is-sbatax (17) u t-tnejn u ghoxrin (22) l-akkuzi filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2).

Il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-ksur tal-Probation Order moghtija b'sentenza tal-Magistrati a fol. 139 tal-process, u dan a bazi ta' dikjarazzjoni tal-partijiet fil-verbal tat-22 ta' April, 2013.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------